30 ta' Novembru, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Angela Saliba *versus* Salvatore Spiteri

**Lokazzjoni — Retratt — Art. 1665 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min jippossjedi fond b'titolu riżolubili, bħal ma huwa x-xerrej ta' fond suġġett għall-irkupru legali jew konvenzjonali, ma jistax jinqeda bil-jedd li joħroġ lill-kerrej ta' dak il-fond mill-istess fond sakemm ma jkunx sar is-sid għal kollox ta' dak il-fond.*

Il-Qorti, — Wara li rat it-talba ta' l-attriċi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £4. 3. 4 qbiela minn dina dovuta lill-attriċi għall-għalqa "Armla tas-Silġ", fil-limiti tal-Ġudja, kuntrada "Ta' Tajjara", bir-rata ta' £6 fis-sena għall-perijodu mis-6 ta' Diċembru 1948 sal-15 ta' Awissu 1949; (2) għall-iżgumbrament tal-konvenut mill-istess għalqa fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dina l-Qorti, peress illi r-rilokazzjoni relativa a favur tagħha ġiet xjolta definitivament fil-15 ta' Awissu 1949, in forza ta' l-ittra uffiċjali kontra tagħha fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fis-7 ta' Jannar 1949, u debitament notifikata fl-10 ta' Jannar 1949 (dok. A), għal liema att ġudizzjarju hija ma għamletx oppożizzjoni bil-proċedura u fit-terminu kontemplati fil-liġi; u (3) għall-ħlas ukoll lill-attriċi da parti tagħha, in linea ta' danni fil-kompetenza ta' dik il-Qorti, is-somma li tiġi likwidata bħala dovuta minnha għall-okkupazzjoni ta' l-imsemmi fond mis-16 ta' Awissu 1949 sa meta toħroġ definitivament minnu, fuq il-bażi tal-qbiela annwa ta' £6. Bl-ispejjeż u bl-interessi fil-kompetenza ta' dik il-Qorti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-4 ta' Novembru 1949 li biha l-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzarja ddeċidiet billi laqgħet it-talbiet ta' l-attriċi, u għall-fini tat-tieni talba pprefiġġiet lill-konvenut ġimgħa żmien sabiex jirrilaxxja l-fond indikat fiċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut;

Rat iċ-ċitazzjoni tal-konvenut appellant, li biha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talbiet ta' l-attriċi, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Li fuq it-tieni u t-tielet talba rriżulta li l-attriċi tipposjedi l-għalqa b'titolu riżolubili, għax soġġetta għad-dritt ta' rkupru; u fil-fatt ġie eżerċitat l-irkupru u dana għadu pendenti, għalkemm l-attriċi qiegħda tikkontestah. Skond l-art. 1665 tal-Kodiċi Ċivili x-xerrej ta' fond soġġett għall-irkupru

legali jew konvenzjonali ma jistax jinqeda bil-jedd li joħroġ lill-kerrej sakemm hu ma jkunx sar is-sid għal kollox ta' dak il-fond. Għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi tal-każ it-tieni u t-tielet talba huma intempestivi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talba għar-revoka tas-sentenza appellata u tikkonferma l-istess sentenza kwantu għall-ewwel talba, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant, u tilqa' l-appell rigward iż-żewġ talbiet l-oħrajn u tirrevoka s-sentenza appellata rigward dawk iż-żewġ talbiet, u tillibera lill-konvenut appellant mill-ħarsa tal-ġudizzju rigward dawk iż-żewġ talbiet bħala intempestivi, bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellata.